KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 69

Id-disa u sittin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 29 ta' Mejju 2017 fis-6.10 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Graziella Enriquez | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*69.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*69.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*69.5 Rapporti ;*
*69.6 Management Letter 2017;*
*69.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitati;*
*69.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*69.9 Mozzjonijiet*
*Embellishment fi Gnien Mortimer Tas-Sliema – Kunsillier J. Pillow ;*
*69.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 69.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

69.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa b'ittra t'Apoloġija mill-Kunsilliera L. Cassar Shaw. Il-Kunsill aċċeta.

69.2 Il-Kunsillier P. Portelli kien skuzat. Intbgħatet email fit-20.44 u għalhekk ma leħqitx inqrat waqt il-laqgħa.

## **69.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

69.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 68 tas-seduta 27 ta' April, 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

69.2.2 Is-Sindku irrefera għall-punt 68.3.7 u talab korrezzjoni biex minnflok 'toroq interjuri' jinkiteb 'kollha barra t-toroq mal-kosta'. Kien hemm qbil.

69.2.3 Is-Sindku talab li ssir korrezzjoni fin-numri tal-minuti għaliex punt 68.7.1 huwa doppju.

69.2.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 68_27/04/2017*

## **69.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

69.3.1 Is-Sindku irrefera għal punt 68.3.5 dwar id-dwal fi Gnien Indipendenza. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li ltaqa' l-Kumitat mal-Ingineer u l-kuntrattur u gie deciz li għandhom jinbidlu l-*lighting bollards*. Dan ser isir ghas-spejjes tal-kuntrattur. Waqt il-laqgħa ġie pprezentat kampjun li jidher li huwa aħjar u izjed robust. Il-kuntrattur offra li jaqla l-antiki u jpoġġi l-ġodda fi zmien erba' *Dwal fi Gnien Indipendenza*

ġimgħat mingħajr ma' l-Kunsill jidħol fi spejjez zejda.

Ser ikun hemm, izda, spiza minima sabiex isiru bazijiet tal-konkos that il-*lighting bollards* godda.

*Daħal il-Viċi Sindku fis-6.25pm u l-Kunsillier M. Briguglio fis-6.26* *ċ*

69.3.2 Is-Sindku informa li beda x-xogħol fil-latrina pubblika ta' Qui Si Sana. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jara kif qiegħed miexi il-proċess. Ix-xoghol fuq il-latrina ta' quddiem l-Ghassa ser jibda dalwaqt ukoll. *Latrina Pubblika fejn l-Għassa*

69.3.3 Is-Sindku ressaq zewġ talbiet minn residenti għaliex zelqu u weġġħu fuq il-bankina. Waħda hi ta' Sinjur Antill li l-kaz sar fi Triq Dingli ma' Trejqet Regina Vittoria. Dan qiegħed jitlob kumpens ta' Ewro 184.50 għall-spejjez medikali kif ukoll Ewro 200 għall-kumpens għall-danni psikoloġici. Il-Kunsill approva li jingħataw biss Ewro 184.50 u wara li jiġu pprezentati r-riċevuti u jkun sar rapport mal-Pulizija. It-talba l-oħra kienet mis-Sur Ciappara li l-kaz sar Triq Bisazza ma' Triq Tigne u qiegħed jitlob kumpens għall-ispejjez medikali wara li ħareġ mill-isptar. Fin-nuqqas tad-dokument/rapport fejn hemm indikat l-ispiza, dan il-kaz għandu jerġa jitressaq għas-seduta li jmiss. Saddanittant kien hemm qbil li jitwaħħal *handrail* f'din il-parti (Triq Bisazza c/w Tigne) għaliex il-bankina tizloq. *Talba għal kumpens minn residenti kif ukoll li jsir handrail*

69.3.4 Il-Kunsill ġie infurmat b'talba oħra ta' kaz li sar fi Triq it-Torri faċċata ta' Triq San Franġisk izda l-avukat tal-Kunsill qal li l-kaz sar tlett snin ilu u issa din ġiet preskritta.

69.3.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat li hemm bankina tizloq ukoll ħdejn iz-*zebra crossing* ta' quddiem il-Preluna fi Triq it-Torri u biex mil-promenade tidħol għal *carpark*. Il-Kunsill Lokali Sliema qabel li jsiru b'tactile *paving*.

69.3.6 Is-Sindku ta' aktar informazzjoni dwar il-proġett li qiegħed jiġi organizzat minn SOS Malta. SOS Malta talbu dan li ġej: li jsir *survey minn kumpanija* sabiex ikun indikat min jista jagħmel uzu minn dan il-proġett u li jsiru xi formoli u jitqassmu mill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan kif ukoll il-Kunsill issuġġerixxa li jistgħu jagħmlu komunikazzjoni mal-knejjes. *Proġett SOS Malta*

69.3.7 Dwar l-istedina ta' Bialystok is-Sindku informa li l-Kunsillier J. *Bialystok*

Pillow u D. Muscat huma interessati li jattendu. Kien hemm qbil li jattendu dawn iz-zewġ kunsilliera flimkien mas-Sindku. Il-Kunsillier D. Muscat qal li issa hemm bzonn li jinbeda l-proċess għall-ġemellaġġ. Kien hemm qbil dwar dan.

**69.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

69.4.1 Il-Viċi Sindku irrimarka li x-xogħol minn kuntratturi f'sit ta' kostruzzjoni fi Triq Sant'Antin ma' Tigne mhux qiegħed isir b'mod xieraq. *Xogħol ta' kostruzzjoni*

***Kien hemm qbil li dan l-item jikompla wara item 69.6 biex ikun jista jagħti spjegazzjoni l-accountant tal-Kunsill għal management letter***

**69.5 RAPPORTI**

69.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**69.6 MANAGEMENT LETTER 2017**

69.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-proċess ta' l-awditjar wasal fl-aħħar u l-Kunsill issa jrid jibgħat risposta għall-*management letter*. L-*accountant* tal-Kunsill spejga li r-rapport kien wieħed tajjeb u spjega x'kien hemm miktub fil-*management letter*.

69.6.2 Il-Kunsill ġie infurmat li l-kuntrattur Philip Agius and Sons għandu jieħu madwar Ewro 25,000 u kollox għadu wieqaf minħabba l-perit David Vassallo għadu ma ċċertifikax ix-xogħol. Il-Viċi Sindku propona li għandu joħroġ pagament għaliex mhux sew li jbgħati l-konsegwenzi l-kuntrattur. Is-Sindku qabel li jitħallas 40% mill-ammont dovut. Kien hemm qbil dwar dan.

69.6.3 Kien hemm qbil li l-ispejjez tal-ex avukat Marion Camilleri għandhom jitneħħew mil-kotba għaliex din qatt ma bgħatet kontijiet u issa għadda zmien.

69.6.4 Dwar l-attendenza tal-kunsilliera s-Segretarju Ezekuttiv informa li l-awditur kellem lilu dirett għaliex kellu jirraporta n-nuqqas ta' attendenza ta' Kunsillier lill-Ministru konċernat. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li minn issa 'l quddiem mhux se jkun qiegħed jagħti ċans u se jimxi mal-proċeduri li jikteb lill-Ministru fejn ikun hemm bzonn.

69.6.5 Kien hemm qbil li r-rapport dettaljat tal-Budget 2017 għandu

jintbgħat lill-Kunsilliera kollha.

69.6.6 Kien hemm qbil li l-kotba ta' Tony Nichol jiġu *written off*.

69.6.7 Kien hemm qbil mill-Kunsilliera prezenti dwar il-kontenut ta' kif il-Kunsill għandu jibgħat ir-risposta għall-*management letter*.

**69.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;**

69.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega s-sitwazzjoni tat-tender tal-*accountant*, u informa li dan se jibqa sakemm id-Dipartiment tal-Kuntratti u id-DLG jibgħatu *template* ta' kif għandu joħroġ it-tender il-gdid. *Tender tal-accountant*

69.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa dwar l-offerti għat-tenders ta' latrini pubbliċi kif ukoll tal-knis. *Tender tal-knis*

Dwar it-tender tal-knis, is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-*Evaluation Report* tal-Kumitat ta' evalwazzjoni.

Is-Segretarju qal li kien hemm ħames offerti u, wara li saru sensiela ta' talbiet għall-kjarifika waqt l-evalwazzjoni, tlett *bidders* ma laħqux l-*ispecifications* tekniċi. Tnejn minnhom laħqu l-*ispecifications* tekniċi, izda, meta ġie mitlub sabiex dawn tal-aħħar jiprovdu il-liċenzja tal-ERA sabiex juru li l-vettura tista tigbor l-iskart bil-permessi rikjesti bil-liġi, wieħed biss wieġeb għal din it-talba għad-dokumenti.

Ghaldaqstant, il-Kumitat qed jirrakkomanda l-ghazla tal-offerta ta' SRF & Veladrians ghall-valur ta' Eur534,792, eskluz il-VAT.

Il-Kunsill qabel unanimament.

69.7.3 Dwar il-kuntratt għall-latrini pubbliċi ġie deċiz li dan jiġi diskuss f'seduta li jmiss, u dan wara li l-Kumitat ta' evalwazzjoni jikkonkludi xogħlu. *Tender – Latrini pubbliċi*

**69.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

69.8.1 Kien hemm qbil li għandu jintbgħat rendikont tal-ispejjez tal-SAF 2016.

69.8.2 Dwar pagament numru 67 mill-iskeda li ġiet pprezentata, id-deskrizzjoni trid tinbidel għal BHS minnflok Square Deal.

69.8.3 Il-Kunsillier D. Muscat ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier P. Radmilli issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni tal-pagamenti fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**69.9 MOZZJONIJIET – EMBELLISHMENT FI GNIEN MORTIMER TAS-SLIEMA- KUNSILLIER J. PILLOW**

69.9.1 Il-Kunsillier J. Pillow ressaq mozzjoni sabiex il-kumitat tal-finanzi jikkonsidra l-ispiza bejn Ewro 3000 u Ewro 5000 biex isir *embellishment* fi Gnien Mortimer, bil-ħsieb illi t-tfal ikollhom post addattat fejn jilgħabu bħal per ezempju jitpinġa passju mal-art eċċ, u dan peress li l-proċess tal-approvazzjoni u l-bidu tal-proġett tal-parkeġġ jidher li se jieħu fit-tul. Kien hemm qbil għal din il-mozzjoni u li x-xogħol għandu jsir qabel is-Sajf. ***Gnien Mortimer***

**69.9.2** Fuq dan il-punt is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li hemm ħsara estensiva fil-ġnien ta' Qui Si-Sana u informa li talab zewġ kwotazzjonijiet. Is-Sindku informa li l-*cameras* twaħħlu issa kemm jitqabbad il-*modem*. ***Qui Si Sana***

***Is-seduta kompliet bl-agenda fit-19.30 b'item 69.4 (b'hekk in-numri se jkomplu issa 69.4.2)***

**69.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA (*KONTWIZZJONI*)**

69.4.2 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar it-tender tal-*planner*. Is-Segretarju Ezekuttiv avza li dan ħareġ f'nofs Mejju u jgħalaq daqt. *Tender tal-planner*

69.4.3 Is-Sindku qal li jkun tajjeb li lil dawk il-kumpaniji li joffru xi *sponsorship* ngħidulhom jagħtu xi ħaġa għall-*playing fields*. *Playing fields*

69.4.4 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar li *sleeping policeman* li kellha ssir fi Triq Manwel Dimech għada ma saritx. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntrattur qalilna wara l-elezzjoni. Il-Kunsillier D. Muscat irrimarka wkoll li l-kenniesa mhux jikinsu sew Triq Santa Rita. *Sleeping policemen u knis*

69.4.5 Il-Kunsillier M. Aquilina irrimarkat li wkoll irċeviet ilment li Triq Santa Rita kif ukoll u Triq San Piju V mhux qegħda tiġi imnaddfa sew. *Knis*

69.4.6 Il-Kunsillier D. Muscat informa li hemm ġebel fi Triq Santa Rita ma' Triq San Pietru li għandu bzonn jinġabar. *Gebel biex jinġabar*

69.4.7 Il-Kunsillier D. Muscat issuġġerixxa li hemm bzonn jitwaħħlu *traffic mirrors* ikbar fi Triq Santa Marija ma' Triq Carmel u Triq Santa Marija ma Triq San Trofimu. Kien hemm qbil dwar dan. *Traffic mirrors*

69.4.8 Il-Kunsilliera V. Galea Pace issuġġeriet li jinqeleb il-parking fi Triq Santa Marija (bejn Carmel u San Trofimu). Il-Kunsill għandu jara dwar dan. *Parking bays*

**69.10 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

69.10.1 Is-seduta intemmet fit-20.05. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 27 ta' Gunju 2017 fis-6pm.

Minuti approvati llum 27 ta' Gunju, 2017

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |